# L-ALTARI ĠUŻEPPINI
## fil-Knejjes Parrokkjali Maltin u Għawdxin

*Kitba ta' Joseph C. Camilleri*

Id-devozzjoni lejn xi qaddis jew qaddisa tistà tiġi manifestata permezz ta' altari, statwi, konfratellanzi, pittura u mitt ħaġa oħra. Din id-devozzjoni tistà tiġi studjata fuq mappa biex tara kemm id-devozzjoni hija mxerrda. Mhux ser nidħlu fil-kamp ta' l-istorja għaliex jidħlu ħafna elementi u dan ix-xogħol isir aktar kumpless.

**MALTA**

Il-gżira ta' Malta tista' tinqasam permezz ta' żoni urbani. Fil-qalba hemm il-Belt Valletta u l-ibliet ta' madwar iż-żewġ portijiet. Fit-tieni ċirku ser inpoġġu l-irħula u l-ibliet li jinsabu barra mill-ewwel żona. Waqt fit-tielet żona ser inpoġġu l-kampanja. Għawdex se toqgħod weħidha. Mhux se nidħol fit-tul fuq l-aspett storiku bħal l-importanza tat-Tliet Ibliet bħala kuntrast mal-firxa art fuq in-naħa l-oħra tal-Belt Valletta.

**L-EWWEL ŻONA**

F'din iż-żona nsibu l-Belt Valletta, ċentru politiku u kummerċjali bil-problemi ta' popolazzjoni. In-nies ilha tħalli dan il-post għall-inqas mis-snin sittin. Mal-Belt Valletta hemm il-Furjana li saret bħall-Belt Valletta u t-Tliet Ibliet fuq naħa u Tas-Sliema u l-Gżira fuq in-naħa l-oħra. Ma' dawn hemm l-Imsida u Raħal Ġdid. Minn dawn iċ-ċentri hemm parroċċa waħda ddedikata lil San Ġużepp. Din hija dik ta' l-Imsida.

Insibu altari fil-knejjes ta' San Pawl tal-Belt Valletta, il-Furjana, l-Isla, Bormla u l-Gżira. Insemmu xi ftit mill-arti li jinsabu fuq dawn l-altari. Il-pittura titulari ta' l-Imsida saret minn Michele Corteggiani, artist li ftit li xejn għandna arti tiegħu f'pajjiżna. Artist ieħor ftit magħruf hu Ġużeppi Thej. Dan għandu l-pittura fuq l-altar Ġużeppin tal-Furjana. Il-Professur Attilio Palombi għamel il-kwadru għal fuq l-altar ta' San Ġużepp għall-Knisja ta' San Pawl tal-Belt Valletta. Dan sar fis-sena 1902. F'Bormla nsibu sotto-titular ovali fil-kappellun tax-xellug. Dan sar min Ramiro Calì. Fl-Isla hemm kwadru ta' Ġużeppi Bonniċi li sar fis-sena 1860.

**IT-TIENI ŻONA**

Din iż-żona fiha taħlita ta' irħula u bliet qodma. Insibu lokalitajiet kbar bħal Birkirkara u oħrajn żgħar bħall-Gudja. Id-devozzjoni ta' San Ġużepp tinsab fl-altari ta' dawn il-knejjes parrokkjali - Birkirkara (Santa Liena), Qormi (parroċċa San Ġorġ), Naxxar, Gudja, Mosta, Żebbuġ, Żejtun,



Il-kwadru ta' San Ġużepp fil-Parroċċa ta' San Pawl ir-Rabat

Tarxien, Għaxaq, Ħamrun, Żabbar, Kalkara, San Ġiljan, Fgura u l-Balluta.

Jekk fl-ewwel żona ġeografika konna nsibu parroċċa waħda ddedikata lil San Ġużepp, li ġiet imwaqqfa fis-sena 1867, fit-tieni żona ġeografika nsibu żewġ parroċċi. Dawn huma tal-Kalkara (parroċċa 1898) u Birkirkara (San Ġużepp Ħaddiem, parroċċa 1973).

Insemmu xi ftit mill-kwadri li hemm fil-knejjes parrokkjali tat-tieni żona. Fil-Knisja parrokkjali ta' Santa Liena hemm kwadru ta' Ġużeppi Calì. Dan sar fis-sena 1888. Fin-Naxxar hemm kwadru ieħor ta' l-istess artist li sar fl-1913. Dan hu kopja tax-xogħol ta' Pietro Gagliardi li jinsab iżejjen l-altar ta' San Ġużepp fil-knisja tal-Franġiskani Minuri tar-Rabat. Il-Gudja għandha wieħed mill-isbaħ xogħlijiet artistiċi Ġużeppini fuq l-altar ta' San Ġużepp tagħha. Dan juri l-mewt ta' San Ġużepp, xogħol ta' Domenico Bruschi. Dan sar f'Ruma fis-sena 1884.

Il-Knisja ta' San Ġorġ ta' Ħal Qormi għandha wkoll altar iddedikat lil San Ġużepp. Dan hu mżejjen b'xogħol ta' Ġużeppi Calì.

Il-Mosta għandha altar iddedikat lil San Ġużepp. Dan għandu kwadru fuq l-altar Ġużeppin, xogħol ta' Ġużeppi Bonnici. Dan juri l-Għerusija ta' San Ġużepp mal-Madonna. Dan inħadem f'Ruma fis-sena 1859. Hemm ukoll żewġ kwadri laterali Ġużeppini - Il-mewt ta' San Ġużepp, xogħol Salvu Barbara u l-Ħarba lejn l-Eġittu, xogħol ta' Ġużeppi Bonnici. Ta' l-aħħar sar fis-sena 1866 waqt li l-kwadru ta' fuq l-altar sar fl-1859. Il-kwadru ta' San Ġużepp li jinsab fuq l-altar ta' San Ġużepp fil-knisja parrokkjali tas-Siġġiewi sar minn Lazzru Pisani waqt li dak li jinsab fil-knisja parrokkjali taż-Żejtun sar minn Ramiro Calì.

Jekk il-kwadru Ġużeppin tal-Gudja hu ta' livell għoli artistikament u hu mera ta' l-arti Taljana fis-seklu l-ieħor, il-kwadru ta' l-altar ta' San Ġużepp tal-knisja parrokkjali ta' Ħal Tarxien hu mera ta' livell għoli ta' l-arti Maltija. Dan juri s-Sagra Familja u hu xogħol Ġann Nikol Buhagiar. Ħal Għaxaq għandha wkoll kwadru fuq l-altar tagħha li hu xogħol wieħed mill-figuri ġganteski ta' l-arti Maltija. Dan m'hu ħadd ħlief Franġisku Zahra. Dan hu xogħol li sar fis-sena 1750.

Il-Ħamrun għandu altar iddedikat lil San



Il-kwadru titulari tal-Qala, xogħol Giuseppe Calì

Ġużepp u l-kwadru tiegħu hu xogħol ta' Ġużeppi Calì. San Ġiljan għandu knisja parrokkjali moderna iżda fil-knisja l-qadima hemm altar iddedikat lil San Ġużepp. L-arti ta' dan l-altar hu xogħol Salvu Barbara. Dan li seħħ f'San Ġiljan seħħ fil-Fgura. Fil-knisja parrokkjali l-qadima tal-Fgura hemm altar iddedikat lil San Ġużepp bi kwadru ta' Ġużeppi Caruana. Ħaż-Żabbar għandu altar Ġużeppin li għandu kwadru ta' Anton Zammit. Il-knisja parrokkjali l-qadima tal-Balluta kellha altar fuq xogħol ta' Ġużeppi Calleja.

**IT-TIELET ŻONA**

Il-kampanja Maltija tinsab f'din iż-żona. Din hija l-ikbar żona u fiha l-inqas devozzjoni lejn San Ġużepp fejn jidħlu altari ddedikati lil San Ġużepp li jinsabu fil-knejjes parrokkjali. F'din iż-żona hemm knisja parrokkjali waħda biss iddedikata lil San Ġużepp. Din tinsab fil-Manikata u saret parroċċa fis-sena 1975. Din il-knisja parrokkjali m'għandhiex kwadru titulari waqt li l-kappella Ġużeppina (l-ewwel knisja parrokkjali tal-Manikata) għandha xogħol tal-Kavallier Rafel

Bonnici Calì. Il-Għargħur għandu altar bi kwadru tassew sabiħ ta' Ġużeppi Calì. Ħal Safi għandu altar ukoll ta' San Ġużepp bi kwadru ta' artist mhux magħruf. L-Imġarr għandu altar ta' San Ġużepp bi kwadru ta' Ramiro Calì. F'Ħal Kirkop insibu sotto kwadru ovali ta' pittur mhux magħruf li juri l-patroċinju ta' San Ġużepp.

## GĦAWDEX

Jekk Malta għandha wirt kbir Ġużeppin mferrex fil-knejjes parrokkjali, tant ieħor għandu Għawdex. Anzi f'din il-gżira ta' Tliet Għoljiet d-devozzjoni Ġużeppina permezz ta' l-altari hija ferm ikbar. Ta' min jgħid li hemm parroċċa ddedikata lil San Ġużepp. Din hija l-Qala. L-altari fil-knejjes parrokkjali jinsabu f'dawn il-postijiet. Fil-Katidral ta' l-Assunta hemm altar Ġużeppin waqt li hemm ieħor fil-knisja ta' San Ġorġ fl-istess belt. Hemm oħrajn fil-knejjes parrokkjali ta' l-Għarb, Xewkija (knisja parrokkjali l-qadima), Xagħra, Żebbuġ, Sannat, Nadur, Għajnsielem, Kerċem, San Lawrenz, Fontana, Għasri u Munxar.

Insemmu xi pittura li għandhom dawn l-altari. Fil-katidral jew kif l-Għawdxin jgħidulha l-katidral tagħhom - il-Matriċi hemm biċċa xogħol ta' artist Għawdxi - Michele Busuttil u sar fis-sena 1792. Fix-Xagħra hemm altar fil-kappellun li juri l-Patroċinju ta' San Ġużepp. Dan hu xogħol tal-Profs. Virgilio Monti li sar fis-sena 1924. Mal-ġnub hemm żewġ xogħlijiet laterali Ġużeppini, xogħol Ġużeppi Bonnici li saru fis-sena 1857.

Fin-Nadur hemmn pittura fuq altar li fiha ħafna qaddisin, wieħed minnhom hu San Ġużepp. Aktarx l-artist ta' dan ix-xogħol hu Dun Karlu Zimach. Fil-knisja parrokkjali l-qadima hemm altar li juri lil San Ġużepp. Dan hu ta' Michele Busuttil. F'Kerċem, l-altar Ġużeppin għandu pittura ta' Robert Caruana u dan sar fl-1921. Il-knisja parrokkjali ta' San Lawrenz għandha pittura ta' Ġużeppi Calì fuq l-altar Ġużeppin. Fil-knisja parrokkjali tal-Fontana hemm altar Ġużeppin li għandu pittura li turi l-Mewt ta' San Ġużepp. Dan hu xogħol ta' G. Gilimberti ta' Ruma. Dan il-kwadru ġie mħallas mill-imħallef Ġużeppi Cremona. L-Għasri għandu xogħol ta' Lazzru Pisani fuq l-altar Ġużeppin li sar fis-sena 1920 waqt li fl-aħħarnett il-knisja parrokkjali tal-Munxar għandha xogħol ta' Duminku Micallef fuq l-altar tagħha.

Dawn l-altari kollha fil-knejjes parrokkjali ta' Malta u Għawdex juru kemm San Ġużepp għandu devozzjoni qawwija u kbira f'dawn il-gżejjer Maltin. Mhux ta' b'xejn bosta subien u rġiel għandhom l-isem ta' Ġużeppi.



Is-sotto kwadru ta' San Ġużepp meqjum fil-parroċċa ta' Ħal Kirkop

## REFERENZI


Kav Joseph Borg **Mitt fergħa ta' qima lejn San Ġużepp fil-gżejjer tagħna** Festi Ċentinarji Ġużeppini Qala - 1990

Kittieba diversi **Il-knejjes parrokkjali ta' Malta u l-festi tagħhom** - 1994

Mario Buhagiar (editur) **Marian Art during the 17th and 18th centuries** Malta 1983

Mario Buhagiar **The Iconography of the Maltese Islands 1400-1900 painting** World Confederation of Salesian Past Pupils of Don Bosco - Lions Club Malta 1988.